**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imhallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Paul Galea

## Falz ideoloġiku - Falz materjali

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali id-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-faz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċjoe' fil-kontenut ideali tiegħu. Fi kliem Manzini jkun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin* "non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". *Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu mqar temporanjament il-messaġġ - karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Paul Geal talli (1) f'dawn il-Gżejjer matul l-erba' snin qabel l-20 ta' April, 1994, sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz; (2) kif ukoll talli fl-istess perijodu ta' żmien għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn dokumenti ffalsifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Lulju, 1995 li biha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imsemmi Paul Galea ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Paul Galea, minnu ppreżentat fis-17 ta' Lulju, 1995, li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ġie akkużat u nstab ħati ta' żewġ reati li t-tnejn huma reati dolużi: l-ewwel wieħed hu r-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla forma ta' falsita' ideoloġika u l-ieħor huwa r-reat imsemmi fl-artikolu 189 li jikkontempla forma ta' falsita' materjali. L-artikolu 188 jipprovdi li:

"Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew

stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz; jeħel meta jinstab ħati l-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa, iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabilita' ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla";

L-artikolu 189, imbagħad jipprovdi li:

"Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel ...";

Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz idoeloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u ċjoe' fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale - V.VI, n. 2296, -. 829) ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "*non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*". Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta' (Antolisei, F. *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ - karta, parċmina, injam, ġebel,

ħadid, plastik, eċċ.;

L-aggravji ta' l-appellant huma, bażikament, is-segwenti: (1) illi hu ma kellux ix-xjenza rikjesta għall-kommissjoni taż-żewġ reati ipotizzati u (ii) li hu ma għamel ebda falsifikazzjoni jew dikjarazzjoni falza f'ebda dokument;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi u speċjalment l-istqarrija ta' l-appellant - pero' mhux iffirmata minnu - tat-2 ta' Ġunju, 1993. Dwar din l-istqarrija, bħalma del resto dwar iż-żewġ stqarrijiet l-oħra, ma hemm ebda kwistjoni ta' ammissibilita' u anqas mhu l-appellant jikkontesta b'xi mod li dawn jirriflettu eżattament dak li hu qal lill-Ispettur Emanuel Cassar. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bħalma ċertament kienet ukoll l-Ewwel Qorti li meta l-appellant xtara l-*Landrover* żarmata mingħand ċertu John Grima u beda jimmuntaha f'ħin minnhom sab li n-numru tax-*chassis* kien ġie kkanċellat b'daqqiet ta' puntell (puntal). Meta l-appellant ġibed l-attenzjoni ta' Grima għal dan il-fatt Grima ta lill-appellant *log book* ta' Malta ta' *Landrover* li kienet iġġib in-numru K-2128; skond dan il-*log book* it-tip ossia mudell tal-vettura bin-numru K-2128 kien <u>differenti u ferm aktar antik</u> minn dik li l-appellant kien qed jaħdem fuqha. Grima qal lill-appellant biex "jippanċja" n-numru tax-*chassis* li kien jidher f'dan il-*log book* fil-post fejn kien hemm in-numru kkanċellat fil-vettura li kien qed jimmonta u l-appellant hekk għamel. Grima ta ukoll lill-appellant set pjanċi bin-numru K-2128. Jirriżulta ukoll li Grima ha ħsieb it-tiġdid tal-liċenzja tal-vettura u in segwitu saret applikazzjoni għand il-pulizija sabiex il-vettura bin-numru K-2128 tinbidel minn waħda kummerċjali (*van*) għal waħda *private* (bil-ħġieġ). Mhuwiex ċar mill-provi jekk din l-applikazzjoni għamilhiex l-appellant personalment, jew jekk saritx minn Grima; li hu ċert hu li ma' din l-applikazzjoni l-applikant ipproduċa żewġ ritratti ta' *Landrover* bil-pjanċa li turi n-numru K-2128, liema *Landrover*, <u>ċjoe' dik li tidher fir-ritratti</u>, kienet fil-fatt

*Landrover* oħra ta' l-appellant u li proprjament kellha n-numru B-0544. Jiġifieri, anke jekk l-applikant ma kienx l-appellant, din il-Qorti hi sodisfatta lil hinn minn kull dubbju ddettat mirraġuni li l-appellant għen lill-applikant billi pprovda l-vettura tiegħu B-0544 biex tiġi ffotografata bil-pjanċa numru K-2128 għall-fini ta' l-imsemmija applikazzjoni;

Din il-Qorti hi sodisfatta ukoll li meta l-appellant "ippanċja" n-numru tax-*chassis* fuq il-vettur li hu kien immonta, hu kien jaf perfettament li dak in-numru kien wieħed falz. In segwitu l-appellant biegħ il-*Landrover* li kien immonta u bix-*chassis number* falz lil ċertu Litterio Runza;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-pjanċa fejn ikun hemm imniżżel in-numru tax-*chassis* hu dokument, għalkemm dokument privat, fis-sens aktar 'il fuq imfisser. Infatti permezz ta' dik il-pjanċa u permezz ta' dak in-numru jew kodiċi ieħor li jkun hemm fuqu, il-kumpannija li tkun immanifatturat ix-*chassis* tkun qed tiggarantixxi mhux biss dak l-oġġett fih innifsu u l-kwalita' tiegħu, iżda ukoll li tforni informazzjoni dwar data, post u dettalji oħra tal-proċess ta' manifattura. Hu ben risaput li, għal anqas f'Malta, hu ferm diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli li vettura tiġi debitament reġistrata mal-pulizija jekk ma jkollhiex, fost oħrajn, ix-*chassi number* (ara r-regolament 17 (1) (a) tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur), b'mod għalhekk li l-falsifikazzjoni ta' dak in-numru (fil-każ odjern billi jitniżżel numru falz) tammonta għal falsifikazzjoni "li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utili" (artikolu 187 (1), Kap. 9), u għalhekk tammonta għal falsifikazzjoni ta' dokument fis-sens ta' l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali;

Ma hemmx dubbju ukoll li l-appellant xjentement għen sabiex il-pulizija tingħata tagħrif falz (dwar il-vettura li fir-

rigward tagħha saret applikazzjoni għal tibdil) u dan billi ppresta l-vettura tiegħu sabiex tiġi ffotografata b'numru li ma kienx tagħha. Għalhekk l-uniku tibdil li din il-Qorti tara li għandha tagħmel fis-sentenza appellata hu li kwantu għall-ewwel imputazzjoni ssib lill-appellant ħati bħala kompliċi u mhux bħala awtur;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata biss f'dik il-parti fejn l-appellant instab ħati skond l-ewwel imputazzjoni bħala awtur u minflok issibu ħati bħala kompliċi fir-reat ipotizzat f'dik l-imputazzjoni (ċjoe` r-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-perijodu ta' tliet snin ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni jibda jiddekorri, naturalment, mil-lum. Għal kull *buon fini* din il-Qorti qer terġa' tispjega lill-ħati bi kliem ċar illi jekk jagħmel reat ieħor matul il-perijodu tal-liberazzjoni taħt kundizzjoni hu jkun jista' jiġi kkundannat għar-reat oriġinali.